**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 517/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

vs

**Anthony Charles Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Anthony Charles Bugeja**, imwieled nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 1987 u residenti "Bugeja", Triq ir-Ramla, Nadur, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41987(G), talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, f'dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi

żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(1) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra jew ġab ruħu b'mod li jkun jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, u ċioe' lil ex-sieħba tiegħu RoseMary Vella;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permess ta' network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettroniku għamel użu mhux xieraq bih;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna biża' lil ex-sieħba tiegħu RoseMary Vella li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' RoseMary Vella skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-

[1] Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap 9
[2] Artikolu 49(c) tal-Kap 399
[3] Artikolu 251B(1) tal-Kap 9

Artikolu 11(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: fl-għaxra (10) ta' Ġunju 2022 il-kwerelanta Rose Marie Vella għamlet rapport ġewwa l-għassa tar-Rabat Għawdex li permezz tiegħu allegat illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, l-imputat kien għajjarha u heddidha. Stqarret ukoll illi dan l-atteġġjament fil-konfront tagħha kien ilu għaddej għal diversi snin. Semmiet li meta kienet tqila, l-imputat kien qabadha minn wiċċha u anke taha daqqa ta' ħarta. Il-kwerelanta sostniet li kienet rrekordjat l-aħħar istanzi ta' dan l-episodju li kien seħħ fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022.

L-imputat ġie mitkellem mill-Pulizija dwar dan l-allegat inċident fejn ċaħad li qatt refa' idejh fuq il-kwerelanta. Spjega illi dakinhar stess li kien sar ir-rapport ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejniethom; anzi huwa dakinhar stess kien daħħal rapport kontra l-kwerelanta peress li kienet qed tiffastidjah billi kienet qed ċċempillu kontinwament ġieli anke' tletin darba kuljum, f'kull ħin tal-ġurnata, inkluż bil-lejl. Min-naħa tiegħu pero l-imputat kien għażel li ma jmexxix b'kawża kontra tagħha fuq dan ir-rapport.

Mill-provi prodotti ħareġ wkoll li l-partijiet kienu f'relazzjoni u għandhom tifla flimkien. Ir-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat madwar tlett snin ilu. Dak inhar tal-allegat inċident, il-kwerelanta tgħid illi hija kienet marret l-Imġarr fuq il-post tax-xogħol tal-akkużat sabiex tkellmu dwar it-tifla, stante illi l-kura u l-kustodja tal-minuri qegħda f'idejn l-istess akkużat.

Ikkunsidrat:

- **<u>L-Ewwel u t-Tielet Akkuża – Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9</u>**

Il-Qorti sejra tibda biex tanalizza l-ewwel u t-tielet akkuża flimkien in vista li dawn iż-żewġ reati għandhom elementi li huma komuni bejniethom. Infatti element fundamentali u komuni għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reati ipotizzati fl-artikolu 251A u 251B huwa li jrid jkun hemm *"a course of conduct"* da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct 'but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely **<u>it is that they should be described as 'a course of conduct</u>***."[4] (Enfażi tal-Qorti)

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success*

[4] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

*of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."*

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> *"How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

B'riferenza partikolari għat-tielet akkuża issir riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**,[5] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu

[5] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.

mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

Il-Qorti fliet fid-dettal il-provi prodotti u temmen li dawn iż-żewġ akkużi ma jirriżultawx. Din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet u fatti li ħarġu mill-atti:

(a) Fl-ewwel lok l-akkuża kif formulata mill-Prosekuzzjoni qed tirreferi **għall-inċident li seħħ fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022**. Mhix qed tirreferi għall-ġranet, xhur u snin ta' qabel din id-data. Mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar seħħ biss incident wieħed bejn il-partijiet, liema incident seħħ x'ħin il-parte civile marret fuq fuq il-post tax-xogħol tal-akkużat tfittxu biex tkellmu. Dan l-element waħdu għalhekk ġia qed jeskludi l-element tal-*course of conduct* rikjest sabiex tkun tista' tinstab ħtija;

(b) meta mistoqsija kemm kienu seħħew incidenti bejniethom, il-parte civile dehret li ma kinitx taf kemm kienu seħħew inċidenti. Infatti għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni hija twieġeb: *"Kien hemm forsi tlieta, naħseb, iva."*[6] Dan meta hija kienet għamlet ir-rapport mal-Pulizija li wassal għall-proċeduri hija kienet indikat lill-istess Pulizija li dan l-aġir tal-akkużat **kien ilu għaddej is-snin**. Pero imbagħad meta tat ix-xhieda tagħha, spjegat li dawn l-

[6] Fol. 17 tal-proċess.

inċidenti *"forsi"* kienu tlieta. Dan iqajjem dubji dwar il-kredibbilita tal-istess parte civile;

(c) fix-xhieda tagħha l-parte civile tirreferi għall-inċident li seħħ fl-2018 fejn hija tgħid li l-akkużat kien refa' jdejh fuqha. Issemmi l-inċident tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022 meta hija marret tfittex l-akkużat biex tkellmu fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Issemmi wkoll inċident li seħħ fl-2022 meta kienu joqogħdu r-Rabat, flimkien u l-akkużat kien insultaha bi kliem u anke indirizza tgħajjir fil-konfront tagħha. Waqt il-kontro-eżami, irriżulta li fl-2022 iż-żewġ partijiet lanqas kienu għadhom joqogħdu ma' xulxin taħt l-istess saqaf u l-parte civile imbagħad indikat li possibilment dan seta' seħħ fl-2019. Għal darba oħra dan xejn ma jimmillita favur il-kredibbilita tal-parte civile u l-veraċita tal-fatti esposti minnha;

(d) Għalkemm l-parte civile tgħid li hija tibża' mill-akkużat, **<u>kienet hija stess li marret tfittxu fuq il-post tax-xogħol tiegħu</u>**. Jekk tabilħaqq il-parte civile kellha din il-biża' mill-akkużat, ma kinitx tmur hija stess tfittxu u tistiednu hija stess biex jidħol fil-vettura tagħha biex tkellmu!! Il-Qorti issibha diffiċli biex tirrikonċilja dan l-aġir mal-aġir ta' persuna li qed tgħid li qed tħossha fastidjata u li kienet qed tibża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha. Apparti minn hekk lanqas jagħmel sens li jekk il-kwerelanta kienet qed tibża' mill-akkużat hija tipprova tagħmel kuntatt miegħu għal diversi drabi fosthom fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Wieħed kien jistenna li l-parte civile tevita li tagħmel kuntatt mal-akkużat u tevita li tiltaqa' miegħu u mhux tmur tfittxu

u ċċempillu hija stess. Wieħed jifhem li bħala omm setgħet kienet *concerned* għat-tifla tagħha, pero anke tenut kont li hemm proċeduri ċivili għaddejjin bejn il-partijiet hija setgħet faċilment għamlet kuntatt tramite il-legali tagħha mingħajr il-ħtieġa li hija stess tieħu l-inizjattiva biex tagħmel dan il-kuntatt. Il-fatt li għażlet li tagħmel hekk hija stess huwa indikattiv li la kienet qed tħossha fastidjata mill-akkużat u wisq u wisq anqas ma kienet qed tibża' li l-akkużat jista' juża vjolenza kontra tagħha;

(e) huwa stramb wkoll li minkejja li ħasset dik il-biża kollha wara li seħħ l-inċident tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, il-kwerelanta għażlet li tmur tagħmel ir-rapport **ħmistax -il ġurnata wara li kien seħħ l-akkadut**. B'kumbinazzjoni wkoll hija marret tagħmel ir-rapport dakinhar stess li l-istess akkużat kien għamel rapport fil-konfront tagħha. Il-Qorti għalhekk hija propensa li temmen li dan ir-rapport da parti tal-kwerelanta sar bi tpattija għar-rapport ta' fastidju li kien għamel l-akkużat fil-konfront tagħha;

(f) huwa minnu li l-akkużat qal kliem dispreġjattiv fil-konfront tal-parte civile, liema kliem l-akkużat jammetti li qalhom waqt id-deposizzjoni tiegħu. Pero mill-provi prodotti jidher li dawn kienu kliem li intqalu darba waħda biss. L-inċidenti preċedenti – jekk seħħew – ġraw snin qabel u għalhekk hemm dubju serju fuq kemm jista' jitqies li dawn kienu relatati ma' xulxin. Apparti minn hekk kif anke senjalat, din il-Qorti għandha dubji fuq il-veraċita tal-inċidenti passatti li issemmi l-istess parte civile. Il-każ tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022 jibqa' għalhekk każ iżolat, li waħdu ma jistax jwassal

għas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9. Semmai possibilment setgħu jirriżultaw il-kontravvenzjonijiet ravviżati jew fl-artikolu 339(1)(d) jew l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Għal xi raġuni pero l-Prosekuzzjoni dawn l-akkużi ma tathomx u għalhekk il-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija f'akkużi li ma ingħatawx. Il-Qorti għalhekk sejra tillibera lill-akkużat minn dawn l-akkużi.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 49(c) tal-Kap. 399</u>**

L-Artikolu 49 (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li: *"Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika – (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt ewro (€ 500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

Mill-provi prodotti l-fattispecie ta' dan ir-reat **<u>assolutament ma jirriżultawx</u>**. Il-konversazzjoni li saret bejn il-partijiet saret personalment wiċċ imb'wiċċ fil-karozza tal-kwerelanta. L-unika mobile li kien hemm involut kien dak tal-kwerelanta li ġie użat minnha biex hija tirrekordja l-konversazzjoni ta' bejnha u bejn l-akkużat. L-akkużat fl-ebda ħin ma għamel użu minn xi network jew inkella apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Għalhekk il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat Anthony Charles Bugeja ħati</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur